# LINJI GWIDA GĦAL INFORMAZZJONI AĊĊESSIBBLI

## L-ICT GĦALL-AĊĊESSIBBILTÀ TAL-INFORMAZZJONI FIT-TAGĦLIM (ICT4IAL)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2015

© 2015 European Agency for Special Needs and Inclusive Education. *Linji gwida għal Informazzjoni Aċċessibbli. L-ICT għall-Aċċessibbiltà tal-Informazzjoni fit-Tagħlim (ICT4IAL)*. Dan ix-xogħol huwa Riżorsa Edukattiva Miftuħa liċenzjat skont il-Liċenzja Internazzjonali tal-Creative Commons Attribution-ShareAlike 4.0. Biex tara kopja ta' din il-liċenzja, żur http://creativecommons.org/licenses/by-sa/4.0/ jew ibgħat ittra lil Creative Commons, PO Box 1866, Mountain View, CA 94042, USA.

Editur: Marcella Turner-Cmuchal, Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss l-opinjonijiet tal-awtur u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li fiha.

Il-proġett tal-ICT għall-Aċċessibbiltŭ tal-Informazzjoni fit-Tagħlim huwa netwerk multidixxiplinarju tal-imsieħba Ewropej u internazzjonali li ġejjin, li jirrappreżentaw il-komunitajiet tat-tagħlim u l-ICT:

DAISY Consortium

European Agency for Special Needs and Inclusive Education

European Schoolnet

Global Initiative for Inclusive ICTs

International Association of Universities

United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization

L-imsieħba tal-proġett tal-ICT għall-Aċċessibbiltŭ tal-Informazzjoni fit-Tagħlim jixtiequ li bi gratitudni jroddu ħajr lil kull min ikkontribwixxa fil-proġett, b'mod partikolari lill-Grupp Konsultattiv tal-Imsieħba, lill-Esperti tas-Sessjoni ta' Ħidma għall-Iżvilupp tal-Linji gwida u lil dawk li taw feedback fuq il-Linji gwida. Il-lista sħiħa tidher fit-Taqsima tar-Rikonoxximenti tal-websajt ICT4IAL.

# WERREJ


Preambolu ........................................................................................ 5

Introduzzjoni u razzjonal għal-Linji gwida ................................................... 6

X'inhu mfisser 'b'informazzjoni aċċessibbli'? ............................................ 7

Għal min huma dawn il-Linji gwida? ........................................................ 8

X'għajnuna tiġi pprovduta permezz tal-Linji gwida? .................................. 9

Pass 1: L-għemil ta' tipi differenti ta' informazzjoni aċċessibbli .................... 12

Taqsima 1: L-għemil tat-test tiegħek aċċessibbli .................................... 12

1.1 Kif tagħmel l-informazzjoni testwali tiegħek aċċessibbli ..................... 12

1.2 Riżorsi li jgħinu biex tagħmel l-informazzjoni testwali tiegħek aċċessibbli ........................................................................................ 14

Taqsima 2: L-għemil tal-immaġni tiegħek aċċessibbli .............................. 16

2.1 Kif tagħmel l-informazzjoni bbażata fuq l-immaġni tiegħek aċċessibbli ........................................................................................ 16

2.2 Riżorsi li jgħinu biex tagħmel l-informazzjoni bbażata fuq l-immaġni tiegħek aċċessibbli .............................................................................. 16

Taqsima 3: L-għemil tal-awdjo tiegħek aċċessibbli .................................. 17

3.1 Kif tagħmel l-informazzjoni tal-awdjo tiegħek aċċessibbli ................. 17

3.2 Riżorsi li jgħinu biex tagħmel l-awdjo tiegħek aċċessibbli ................. 17

Taqsima 4: L-għemil tal-vidjow tiegħek aċċessibbli ................................. 19

4.1 Kif tagħmel il-mezzi tal-vidjow tiegħek aċċessibbli ........................... 19

4.2 Riżorsi biex jgħinu tagħmel il-mezzi tal-vidjow tiegħek aċċessibbli .... 19

Pass 2: L-għemil tat-twassil tal-midja aċċessibbli ....................................... 20

Taqsima 1: L-għemil tad-dokumenti elettroniċi tiegħek aċċessibbli ........... 20

1.1 Kif tagħmel id-dokumenti elettroniċi tiegħek aċċessibbli ................... 20

1.2 Riżorsi biex jgħinuk tagħmel id-dokumenti elettroniċi tiegħek aċċessibbli ........................................................................................ 21

Taqsima 2: L-għemil tar-riżorsi onlajn tiegħek aċċessibbli ....................... 23

2.1 Kif tagħmel ir-riżorsi onlajn tiegħek aċċessibbli ............................... 23

2.2 Riżorsi li jgħinuk tagħmel ir-riżorsi onlajn tiegħek aċċessibbli ........... 24

Taqsima 3: L-għemil tal-materjal stampat tiegħek aċċessibbli .................. 26

3.1 Kif tagħmel il-materjal stampat tiegħek aċċessibbli ......................... 26

3.2 Riżorsi biex jgħinuk tagħmel il-materjal stampat tiegħek aċċessibbli. 26

L-applikazzjoni tal-Linji gwida għal midja differenti u formati speċifiċi .......... 27

Slajdshows u preżentazzjonijiet ........................................................ 27

Pass 1: ........................................................................................ 27

Pass 2: ........................................................................................ 28

Għodod onlajn jew tat-tagħlim elettroniku ............................................. 29

Pass 1: ........................................................................................ 29

Pass 2: ........................................................................................ 29

Dokumenti PDF ................................................................................ 31

Pass 1: ........................................................................................ 31

Pass 2: ........................................................................................ 31

Glossarju ....................................................................................... 32

Termini ewlenin................................................................................ 32

# PREAMBOLU

Il-Linji gwida għal informazzjoni aċċessibbli huma riżorsa edukattiva miftuħa (OER) biex isostnu l-ħolqien ta' informazzjoni aċċessibbli inġenerali u għat-tagħlim b'mod partikolari. Dawn il-Linji gwida ma għandhomx l-għan li jinkludu l-informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà disponibbli kollha jew li jkopru kull aspett tal-qasam, iżda li jagħmlu sommarju u jorbtu mar-riżorsi eżistenti u utli li jistgħu jkunu ta' għajnuna għal dawk li mhumiex esperti fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT).

L-iskop li jiġu żviluppati dawn il-Linji gwida huwa biex jiġi sostnut ix-xogħol tal-prattikanti u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni biex jipprovdu informazzjoni aċċessibbli lill-istudenti kollha li jeħtieġu u li se jibbenefikaw minn iktar informazzjoni aċċessibbli. Il-proċedura għall-ħolqien ta' informazzjoni aċċessibbli hija universali. Għalhekk, dawn il-Linji gwida jgħinu lill-individwi jew lill-organizzazzjonijiet kollha li jixtiequ li joħolqu informazzjoni li tkun aċċessibli f'formati differenti.

Il-ġustifikazzjonijiet għall-iżvilupp ta' dawn il-Linji gwida huma ċari ħafna kemm fil-politika Ewropea kif ukoll f'dik internazzjonali, li jenfasizzaw l-aċċess għall-informazzjoni bħala dritt tal-bniedem. Il-websajt tal-ICT4IAL tinkludi sommarju ta' dawn il-politiki ewlenin.

Fil-Linji gwida se ssib:

- introduzzjoni ġenerali, deskrizzjoni tat-termini prinċipali, il-grupp fil-mira u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji gwida;
- passi biex l-informazzjoni u l-midja jsiru aċċessibbli, inkluż rakkomandazzjonijiet u riżorsi rilevanti;
- eżempji ta' listi ta' kontroll tal-aċċessibbiltà għal formati speċifiċi; u
- glossarju estensiv li jagħti definizzjonijiet ta' ħidma tat-termini rilevanti.

Il-Linji gwida jinkludu żewġ passi għal azzjoni li jibnu fuq xulxin. Billi ssegwi l-Linji gwida fil-Pass 1 biex tagħmel tipi differenti ta' informazzjoni aċċessibbli, il-Pass 2 jiġi eħfef, peress li l-informazzjoni aċċessibbli diġà tkun disponibbli biex tintuża fil-midja differenti.

Il-Linji gwida jagħtu gwida fuq azzjonijiet li għandhom jittieħdu u jingħataw riżorsi li jagħtu iktar informazzjoni fil-fond.

Il-Linji gwida ġew żviluppati bħala OER u huma maħsubin biex jiġu adattati għall-kuntesti varjabbli u żviluppi teknoloġiċi, kif ukoll biex jikbru mal-użu.

Fit-taqsimiet kollha tal-Linji gwida se ssib links għal spjegazzjoni ta' terminu ewlieni fil-glossarju jew għal riżorsi esterni.

Dawn il-Linji gwida ġew żviluppati permezz tal-proġett (ICT4IAL) ICT għall-Aċċessibbiltà tal-Informazzjoni fit-Tagħlim, li kien kofinanzjat mill-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja tal-Kummissjoni Ewropea.

# INTRODUZZJONI U RAZZJONAL GĦAL-LINJI GWIDA

Waqt dan iż-żmien ta' innovazzjoni teknika, kull persuna potenzjalment tista' ssir awtur ta' informazzjoni li tintuża għat-tagħlim, iżda mhux kulħadd jeħtieġ li jkun espert fl-għemil tal-informazzjoni aċċessibbli. Madankollu, huwa importanti li kulħadd ikun konxju li l-informazzjoni tista' ma tkunx aċċessibbli għal utenti differenti skont il-mod li fih tiġi ppreżentata.

Bħalissa, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tgħid:

- Iktar minn biljun persuna, madwar 15% tal-popolazzjoni tad-dinja, għandha xi forma ta' diżabbiltà.
- Bejn 110 miljun u 190 miljun adult għandhom diffikultajiet sinifikanti fil-funzjonament.
- Ir-rati tad-diżabbiltà qed jiżdiedu minħabba li l-popolazzjoni qed tixjieħ u ż-żieda fil-kundizzjonijiet kroniċi tas-saħħa, fost kawżi oħra (WHO, 2014).

Xi 15% tal-popolazzjoni tad-dinja ma tistax taċċessa l-informazzjoni, sakemm din ma tkunx magħmula aċċessibbli.

Fil-Linji gwida, it-terminu 'studenti b'diżabbiltà u/jew bi bżonnijiet speċjali' jintuża biex jirreferi għall-grupp fil-mira potenzjali ta' nies li jistgħu jibbenefikaw minn dispożizzjoni iktar aċċessibbli ta' informazzjoni. Din il-frażoloġija tirrispetta t-terminoloġija kemm tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà – UNCRPD (2006) u l-ftehimiet milħuqa mill-imsieħba tal-proġett ICT4IAL, peress li t-terminu 'bżonnijiet speċjali' ta' spiss ikopri medda usa' ta' studenti bi bżonnijiet addizzjonali minn dawk identifikati bħala li għandhom diżabbiltà kif definit fil-UNCRPD.

Issa huwa teknoloġikament possibbli għal ħafna nies li joħlqu u jikkondividu l-informazzjoni. Barra minn hekk, hemm diversi riżorsi għal dawn l-awturi biex jitgħallmu kif joħolqu dokumenti li ma jeskludu lil ħadd milli jaċċessahom u jużahom. Dan ma jeħtieġx lil kull awtur tal-informazzjoni jsir espert fl-aċċessibbiltà tal-informazzjoni għall-forom kollha ta' diżabbiltà u/jew bżonnijiet speċjali, iżda jfisser li l-awturi kollha għandhom jimmiraw biex jilħqu standard minimu ta' aċċessibbiltà tal-informazzjoni li hija ta' benefiċċju universali għall-utenti kollha.

Huwa kruċjali li tingħata l-informazzjoni inġenerali– u informazzjoni għat-tagħlim b'mod partikolari– b'mod li jkun aċċessibbli għall-utenti kollha. Meta tiġi pprovduta informazzjoni mhux aċċessibbli din toħloq ostaklu ieħor għall-istudenti b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet speċjali. L-informazzjoni li mhix aċċessibbli ma tgħinx lin-nies bl-aħjar mod possibbli u teskludihom milli jibbenefikaw milli jipparteċipaw fi skambju ta' għarfien.

Wara li qies din il-loġika,il-proġett tal-ICT għall-Aċċessibbiltà tal-Informazzjoni fit-Tagħlim żviluppa sett ta' Linji gwida biex jgħin lill-prattikanti joħolqu materjal aċċessibbli.

Bħala riżorsa edukattiva miftuħa (OER) – li tippermetti l-użu liberu u l-adattament mill-ġdid minn oħrajn – dawn il-Linji gwida jimmiraw biex jipprovdu istruzzjonijiet faċli u prattiċi għall-awturi biex joħolqu informazzjoni aċċessibbli li tista' tiġi kondiviża permezz ta' midja aċċessibbli. Il-Linji gwida jistgħu jiġu applikati għat-tipi kollha tal-informazzjoni prodotta, iżda speċjalment se jkunu ta' benefiċċju għall-istudenti b'diżabbiltà u/jew bi bżonnijiet speċjali meta jiġu applikati għall-informazzjoni għat-tagħlim.

Madankollu, l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni mhix ta' benefiċċju biss għall-istudenti b'diżabbiltà u/jew bi bżonnijiet speċjali, iżda għandha l-potenzjal li tkun ta' benefiċċju għall-istudenti kollha. Għalhekk, il-Liji gwida jieħdu approċċ inklussiv ukoll u ma jiffukawx fuq id-diżabbilitajiet uniċi.

## X'inhu mfisser 'b'informazzjoni aċċessibbli'?

Fil-Linji gwida 'aċċessibbiltà' tinftiehem kif deskritta fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà bħala:

> *… miżuri adegwati biex jiġi żgurat aċċess lill-persuni b'diżabbiltà, fuq bażi ugwali ma' oħrajn, għat-trasport, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluż teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u sistemi u għal faċilitajiet u servizzi oħrajn miftuħin jew mogħtija lill-pubbliku kemm f'żoni urbani u rurali* (Nazzjonijiet Uniti, 2006, p. 8).

Dan huwa kunċett usa' li jkopri ħafna fatturi ambjentali u fiżiċi. Il-Linji gwida jiffukaw fuq qasam wieħed f'din id-definizzjoni – l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni.

Fil-Linji gwida, informazzjoni hija mifhuma bħala li tirreferi għal messaġġ jew data li tiġi kkomunikata li tikkonċerna kwistjoni speċifika. B'mod speċifiku, dawn il-Linji gwida jiffukaw fuq l-għan li jikkondividu messaġġi biex jinfurmaw lill-istudenti u jibnu għarfien f'ambjent ta' tagħlim.

Fil-Linji gwida, it-tipi differenti ta' informazzjoni kkunsidrati huma l-kliem, l-immaġni, l-awdjo u l-vidjo. Dawn it-tipi ta' informazzjoni jistgħu jiġu kondiviżi jew imwassla permezz ta' stazzjonijiet differenti tal-midja, bħal dokumenti elettroniċi riżorsi onlajn, vidjows u materjal stampat.

Dawn l-istazzjonijiet tal-midja normalment ikun fihom tipi differenti ta' informazzjoni b'mod simultanju.

Fir-rigward tal-istazzjonijiet tal-midja, il-Linji gwida jikkunsidraw kif l-informazzjoni tiġi konvertita f'ċertu format bl-użu ta' (pereżempju) programmi tal-edittjar tal-kliem – u mwassla jew ippreżentati lill-utent.

Fl-edukazzjoni, it-tipi ta' materjali li din tapplika għalihom jinkludu (iżda mhumiex limitati għal):

- Materjali ta' tagħlim
- Kontenut tal-kors

- Deskrizzjonijiet tal-kors
- Informazzjoni ta' reġistrazzjoni u sistemi ta' reġistrazzjoni
- Materjal ta' riċerka
- Websajts tal-universitajiet u tal-libreriji
- Katalogi u repożitorji
- softwer tat-tagħlim elettroniku u pjattaformi tat-tagħlim.

Informazzjoni aċċessibbli hija mifhuma bħala informazzjoni mogħtija f'formati li jippermettu lil kull student jaċċessa kontenut 'fuq bażi ugwali ma' oħrajn' (UNCRPD). Informazzjoni aċċessibbli idealment hija informazzjoni li:

- tippermetti lill-utenti u lill-istudenti kollha jorjentaw faċilment lilhom infushom fil-kontenut; u
- tista' tkun effettivament perċeputa u mifhuma minn stazzjonijiet ta' perċezzjoni differenti, bħall-użu tal-għajnejn u/jew il-widnejn u/jew is-swaba'.

L-aċċessibbiltà mhix l-istess bħall-użabbiltà. L-aċċessibbiltà hija dwar l-iżgurar li persuni b'diżabbiltà u/jew bi bżonnijiet speċjali jkollhom aċċess fuq bażi ugwali bħal kulħadd. L-użabbiltà hija dwar il-ħolqien ta' esperjenza effettiva, effiċjenti u sodisfaċenti għall-utenti.

Aċċessibbiltà sħiħa 100% għall-informazzjoni għal kull utent jew student hija ideal li mhuwiex faċli biex jintlaħaq. Madankollu, it-teknoloġija tippermettilna noħolqu u naqsmu l-informazzjoni b'tali mod li bih il-kontenut ikun adattabbli mill-utent, li jfisser li l-utenti jistgħu jbiddlu l-kontenut skont il-ħtiġijiet tagħhom.

Diversi termini addizzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-aċċessibbiltà jidhru tul din ir-riżorsa. It-termini rilevanti kollha huma definiti fil-glossarju.

## Għal min huma dawn il-Linji gwida?

L-udjenza maħsuba għal dawn il-Linji gwida hija kwalunkwe individwu jew organizzazzjoni li toħloq, tippubblika, tiddistribwixxi u/jew tuża informazzjoni f'ambjent ta' tagħlim. Din tinkludi, iżda mhix limitata biss għal, fornituri tal-informazzjoni bħal:

- Persunal tal-iskola
- Librara
- Persunal tal-università
- Uffiċjali tal-komunikazzjoni
- Pubblikaturi
- Gruppi ta' għajnuna u organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Huwa importanti li wieħed jinnota li, għalkemm awtur individwali jew fornitur tal-informazzjoni jista' jibda diversi azzjonijiet biex itejjeb l-aċċessibbiltà, l-għoti ta' informazzjoni aċċessibbli inġenerali u għat-tagħlim b'mod partikolari jista' jkun meħtieġ l-involviment ta' grupp usa' ta' partijiet interessati, pereżempju:

- Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-iskejjel u l-universitajiet li jappoġġjaw approċċi aċċessibbli u li għandhom politiki li jkun sar qbil fuqhom dwar l-aċċessibbiltà;
- Ix-xjenzati tal-kompjuters u l-esperti tat-teknoloġija tal-informatika (IT) responsabbli mill-istabbiliment ta' pjattaformi aċċessibbli tal-internet, għodod, websajts u repożitorji fejn tista' tiġi kondiviża informazzjoni aċċessibbli.

Il-Linji gwida jiffukaw fuq il-possibiltajiet għal prattikanti mhux esperti biex joħolqu informazzjoni aċċessibbli fl-ambjenti tax-xogħol tagħhom. Ir-rakkomandazzjonijiet għall-organizzazzjonijiet dwar kif isostnu dispożizzjoni tal-informazzjoni aċċessibbli f'livell organizzattiv ġew żviluppati fil-proġett Provvediment tal-Informazzjoni Aċċessibbli għat-Tagħlim Tul il-Ħajja.

## X'għajnuna tiġi pprovduta permezz tal-Linji gwida?

Il-Linji gwida jimmiraw li jkunu liberi mill-kontenut u l-kuntest, iżda joffru xi eżempji konkreti ta' kif jistgħu jiġu applikati għal sitwazzjonijiet ta' tagħlim differenti.

Il-Linji gwida jikkunsidraw livelli differenti ta' aċċessibbiltà tal-informazzjoni, li jvarjaw minn istruzzjonijiet professjonali u jinkludu xi aspetti għall-esperti tal-ICT u tal-aċċessibbiltà. Hemm ħafna passi li utent tal-IT medju jista' jieħu biex jikseb ċertu grad ta' aċċessibbiltà. Madankollu, il-ħolqien ta' xi materjali – bħall-e-books u materjal tat-tagħlim interattiv – jeħtieġ softwer iktar sofistikat milli jkollu aċċess għalih l-utent medju. Dawn il-Linji gwida jiffukaw fuq il-passi li jista' jieħu kull prattikant biex jagħmel l-informazzjoni tat-tagħlim li jipproduċu kemm jista' jkun aċċessibbli.

Dawn il-Linji gwida huma disponibbli bħala dokument awtonomu, kif ukoll OER li jsostni t-tiftix f'tipi differenti ta' informazzjoni u midja. Il-Linji gwida bħala OER huma miftuħin għall-utenti biex jadattaw għall-kuntest tagħhom, kif ukoll biex jikkummentaw fuqhom u jikkontribwixxu għalihom.

Il-Linji gwida jibnu fuq sett ta' premessi:

- Il-passi ġenerali biex tinkiseb informazzjoni aċċessibbli huma universali. Għalhekk, il-Linji gwida japplikaw għall-informazzjoni inġenerali u għall-informazzjoni tat-tagħlim b'mod partikolari.
- Il-Linji gwida jieħdu approċċ inklużiv u ma jiffukawx fuq diżabbiltajiet partikolari jew ħtiġijiet edukattivi speċjali.

- L-isfidi dwar l-aċċessibbiltà tal-kontenut ivarjaw b'mod enormi skont il-kumplessità strutturali tal-kontenut. Pereżempju, ktieb tipiku bestseller strutturalment ikun inqas kumpless minn materjal edukattiv/xjentifiku.
- L-aċċessibbiltà tal-materjali tat-tagħlim għandha sfidi speċifiċi, pereżempju, interattività bejn l-istudent u l-kontenut, il-mili tal-formoli jew l-użu tal-formul li għalihom it-teknoloġija għadha ma tofrix soluzzjonijiet faċli għall-dawk li mhumiex esperti fl-ICT.
- F'xi każijiet, li tipprovdi informazzjoni aċċessibbli ma jkunx biżżejjed. Ħafna utenti u studenti b'diżabbiltà u/jew bi bżonnijiet speċjali jeħtieġu aċċess ukoll għal teknoloġiji assistivi. L-użu ta' tagħmir assistiv ma jsirx superfluwu bil-provvediment tal-informazzjoni aċċessibbli, iżda jikkumplimentaha.
- Il-fornituri tal-informazzjoni b'mod ġenerali u l-informazzjoni għat-tagħlim b'mod partikolari, m'hemmx bżonn ikunu esperti tal-aċċessibbiltà sabiex jinkiseb livell bażiku ta' aċċessibbiltà tal-informazzjoni.
- Il-Linji gwida ma jkoprux kull pass fil-produzzjoni ta' informazzjoni aċċessibbli, u lanqas ma jibdlu r-riżorsi eżistenti. Il-Linji gwida huma punt ta' tluq ikkunsidrat u vvalidat b'attenzjoni biex tiġi prodotta informazzjoni aċċessibbli li twassal għal riżorsi iktar dettaljati, inkluż deskrizzjonijiet, sessjonijiet tutorjali, rakkomandazzjonijiet jew standards.
- Il-Linji gwida mhumiex riżorsa statika, iżda huma maħsubin biex jiġu addattati għal kuntesti varji, żviluppi teknoloġiċi u biex jikbru mal-użu (pereżempju, jistgħu jsiru adattamenti għal testi b'direzzjoni tal-qari mil-lemin għax-xellug).
- Il-Linji gwida jistgħu jgħinu fil-ħolqien ta' kontenut ġdid u aċċessibbli, kif ukoll jgħinu fir-reviżjoni tal-materjal eżistenti.
- Bħalissa, it-teknoloġija tinsab f'fażi ta' tranżizzjoni dwar il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-qari ta' informazzjoni aċċessibbli. Is-softwer jippermetti lill-utenti joħolqu ħafna materjal f'format aċċessibbli. Madankollu, f'teknoloġiji iktar ġodda, bħall-e-books, logħob u applikazzjonijiet tal-mobile, is-softwer għall-utenti medji biex joħolqu dan ma jkunx dejjem disponibbli. Għalhekk, bħalissa hemm limiti dwar x'jista' joħloq l-utent medju li għandu l-aċċessibbiltà f'moħħu.
- Minħabba l-limiti tal-produzzjoni ta' informazzjoni aċċessibbli b'softwer medju, hemm azzjonijiet li jistgħu jiġu esternalizzati lil partijiet terzi, bħal speċjalisti tal-IT jew żviluppaturi tal-web. Dawn il-Linji gwida jistgħu jsostnu rekwiżiti li għandhom jissemmew bħala kriterji fil-proċess tal-akkwist.

Dawn il-Linji gwida jibnu fuq żewġ passi għal azzjoni:

Il-Pass 1 jiddeskrivi kif tinħoloq informazzjoni aċċessibbli permezz ta' kliem, immaġni u awdjo.

Il-Pass 2 jikkunsidra kif il-midja tista' ssir aċċessibbli – pereżempju, dokumenti elettroniċi, sorsi onlajn jew materjal stampat.

Dawn iż-żewġ passi jibnu fuq xulxin. Billi ssegwi l-Linji gwida fil-Pass 1 biex tagħmel tipi differenti ta' informazzjoni aċċessibbli, il-Pass 2 jiġi eħfef, peress li l-informazzjoni aċċessibbli diġà tkun disponibbli biex tintuża fil-midja differenti.

Għal kull pass, il-Linji gwida jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar kif tipi differenti ta' informazzjoni jistgħu jsiru aċċessibbli. Kull rakkomandazzjoni tiġi akkumpanjata minn lista ta' riżorsi disponibbli biex isostnu dan il-proċess. Ir-riżorsi elenkati fit-taqsimiet li ġejjin huma kkategorizzati:

- 'faċli': azzjonijiet li jistgħu jitwettqu b'għarfien ġenerali ta' programmi ta' softwer komuni;
- 'avvanzati': azzjonijiet li jistgħu jitwettqu b'għarfien fil-fond ta' programmi ta' softwer komuni; u
- livelli 'professjonali': azzjonijiet li jistgħu jitwettqu b'iktar għarfien professjonali ta' softwer u għarfien ġenerali tal-ipprogrammar.

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, ir-riżorsi onlajn marbutin magħhom fil-Linji gwida huma bl-Ingliż. L-applikazzjoni tal-Linji gwida billi jsir użu mir-rakkomandazzjonijiet u r-riżorsi twassal għal informazzjoni iktar aċċessibbli għat-tagħlim.

# PASS 1: L-GĦEMIL TA' TIPI DIFFERENTI TA' INFORMAZZJONI AĊĊESSIBBLI

## Taqsima 1: L-għemil tat-test tiegħek aċċessibbli

Waħda mill-iktar kwistjonijet importanti fl-għemil tat-test aċċessibbli hija l-istruttura tiegħu u l-kapaċità biex tinnavigah (navigabbiltà).

'L-istruttura tat-test' normalment tirreferi għal jekk il-paragrafi humiex fl-ordni t-tajba biex jiġu segwiti mill-utent, li jagħmluha iktar faċli biex taqra. Meta niġu għall-aċċessibbiltà tat-test, l-istruttura jkollha tifsira ftit differenti: tirreferi għal x'jagħmilha faċli biex tinnaviga madwar it-test. Kull intestatura ta' kapitolu u kwalunkwe subintestaturi jiġu stabbiliti fil-werrej, l-istess kif inhuma f'dan id-dokument. F'karta tal-eżami tista' tirreferi għall-mistoqsijiet individwali. Kull element li huwa importanti – pereżempju, l-intestatura tal-kapitolu, tabella, figura, mistoqsija tal-eżami – jista' jingħata ċerti attribwiti u jiġi ttikkettjat.

Ladarba tiġi applikata struttura, l-aċċessibbiltà ta' dokument titjieb f'żewġ modi. L-ewwel, tagħmilha iktar faċli għal kwalunkwe utent, inkluż dawk li jużaw teknoloġiji assistivi, biex isibu triqithom madwaru. It-tieni, tippermetti utent differenti jittrasferixxi t-test f'format differenti b'mod iktar faċli.

L-istrutturar tal-informazzjoni testwali (test) huwa essenzjali sabiex jagħmluh aċċessibbli għall-utenti kollha. L-informazzjoni testwali tiġi strutturata billi tittikketta b'mod loġiku elementi differenti fiha, bħall-użu sekwenzjali tal-intestaturi, sottotitoli deskrittivi u tabelli. Dokument strutturat kif suppost jista' jiġi kkonvertit b'mod faċli fil-format li jippreferi l-utent; pereżempju, dokument ta' test strutturat tajjeb jista' jinqara b'vuċi għolja u jiġi nnavigat b'qarrejja tal-iskrin jew b'teknoloġiji assistivi oħrajn, filwaqt li jżomm l-ordni loġika integrata fit-test.

Iktar ma jkun kumpless it-tqassim viżiv (tabelli, noti f'qiegħ il-paġna, kaxxi, ikoni, eċċ.), iktar ikun importanti li tindika l-ordni loġiku tal-qari fl-istruttura.

B'testijiet kumplessi ħafna, huwa importanti li tkun taf minn hi l-udjenza fil-mira u tistrutturah kif xieraq. F'ħafna każijiet, verżjoni iktar issimplifikata tat-test tista' tkun iktar utli għal medda usa' ta' utenti.

Huwa partikolarment diffiċli li tagħmel karatteristiċi interattivi f'materjal tat-tagħlim ibbażat fuq test aċċessibbli.

### *1.1 Kif tagħmel l-informazzjoni testwali tiegħek aċċessibbli*

- Uża l-eħfef lingwaġġ li huwa adegwat għad-dokument tiegħek.
- Uża daqs ta' punt ta' 12 minimu.
- Uża tipa sans-serif bħal Arial, Helvetica jew Verdana.
- Għat-testijiet onlajn, uża tipi Verdana, Tahoma u Trebuchet MS, li huma ddisinjati speċifikament għall-qari fuq skrin.

- Ippermetti lill-utent ibiddel id-daqs tat-tipa u l-punt kif ikun meħtieġ fit-testijiet onlajn.
- Allinja t-test fuq in-naħa tax-xellug billi tuża block test (full justification).
- Ipprovdi l-isem sħiħ l-ewwel darba li tuża abbrevjazzjonijiet u akronimi.
- Ipprovdi struttura lit-test billi tuża intestaturi definiti minn qabel ('stili') u test prinċipali offrut mis-softwer użat. Dawn l-intestaturi għandhom isegwu ordni loġika.
- Uża intestaturi biss fejn jiddefinixxu struttura, mhux għall-effetti tat-tipi li għandhom jenfasizzaw il-kontenut.
- Uża l-funzjonijiet 'Elenki u Numerazzjonijiet' għal-listi.
- Niżżel il-lingwa naturali primarja tad-dokument tiegħek fil-metadata għad-dokument. Immarka bidliet f'lingwa oħra fit-test.
- Identifika u agħti kliem ewlieni għat-test tiegħek.
- Żid sommarji qosra tal-kontenut jew tal-kapitolu fejn ikun possibbli.
- Agħmel in-navigazzjoni fit-testijiet onlajn possibbli bit-tastiera biss jew bix-shortcuts tat-tastiera.
- Kun żgur li l-kuluri u l-użu tat-tipa grassa u korsiva ma jkunux l-uniku metodu tiegħek tat-twassil tat-tifsira.
- Kun żgur li l-kombinazzjonijiet tal-kuluri tat-test u l-isfond joffru kuntrast tajjeb ħafna.
- Kun żgur li l-kliem u l-grafiċi tiegħek ikunu jinfthemu b'mod faċli meta jintwerew mingħajr kulur. Kun żgur li l-informazzjoni kollha imwassla bil-kulur tkun disponibbli wkoll bla kulur. Tiddependix biss fuq il-kulur biex tenfasizza kontenut differenti.
- Agħti ekwivalenti mhux bil-kliem (eż. stampi, vidjows u awdjo rrekordjat minn qabel) tat-test tiegħek. Dan huwa ta' benefiċċju għal xi utenti, speċjalment dawk li ma jaqrawx jew persuni li għandhom diffikultà biex jaqraw.
- In-noti f'qiegħ il-paġna u l-links li b'mod partikolari huma rilevanti biex jikkompletaw/jiċċaraw l-informazzjoni fl-elementi prinċipali tal-istruttura tat-test għandhom jiġu nnumerati u n-numri speċifikament għandhom jiġu assoċjati ma' dawn l-elementi prinċipali.
- Agħti intestaturi lir-ringieli u l-kolonni tat-tabelli tad-data u ddeskrivi l-kontenut tagħhom f'sommarju.
- Kun żgur li t-tqassim jgħin lid-direzzjoni tal-qari li tagħmel sens fir-rigward tal-kontent (mix-xellug għal-lemin jew mil-lemin għax-xellug, skont il-lingwa użata).
- Kun żgur li kull link u element ikollu tikketta unika u deskritta sewwa.
- Agħti tikketta lill-partijiet tal-formola.

– Agħmel in-navigazzjoni fit-testijiet onlajn possibbli bit-tastiera biss jew bix-shortcuts tat-tastiera.

### *1.2 Riżorsi li jgħinu biex tagħmel l-informazzjoni testwali tiegħek aċċessibbli*

*Istruzzjonijiet faċli*

– Load2Learn video tutorials [Sessjonijiet tutorjali permezz ta' vidjowsLoad2Learn]: il-kreazzjoni ta' dokumenti strutturati u format ta' dokumenti portabbli (PDFs) aċċessibli fil-Microsoft Word

– Books for All [Kotba għal Kulħadd] – Accessible Text: Guidelines for Good Practice [Test Aċċessibbli: Linji gwida għal Prattika Tajba]: gwida għall-għalliema għal ħolqien ta' materjali ta' tagħlim aċċessibbli

– Inclusive Learning Design Handbook – Introduction [Manwal tat-Tfassil tat-Tagħlim Inklussiv – Introduzzjoni]: riżorsi biex jassistu lill-għalliema, il-kreaturi tal-kontenut, l-iżviluppaturi tal-web u oħrajn fil-ħolqien ta' riżorsi edukattivi adattabbli u personalizzabbli

– Accessible Digital Office Document Project [Proġett ta' Dokument Office Diġitali Aċċessibbli]: aċċessibbilà fil-word processing, spreadsheet, preżentazzjoni, PDF u fl-applikazzjonijiet tal-e-book

*Istruzzjonijiet avvanzati*

– Nifhmu l-istruttura tal-kontenut: Linja gwida W3C dwar il-ħolqien ta' kontenut li jista' jiġi ppreżentat b'modi differenti mingħajr ma jitlef l-informazzjoni jew l-istruttura

– L-użu tal-kulur: Linja gwida W3C dwar l-għemil distingwibbli tal-kontenut

– Inclusive Learning Design Handbook – Inclusive EPUB 3 [Manwal tat-Tfassil tat-Tagħlim Inklużiv – EPUB 3]: riżorsa għall-ħallieqa tal-kontenut u l-edukaturi li jixtiequ jużaw EPUB 3

– National Center for Accessible Media [Iċ-Ċentru Nazzjonali għal Media Aċċessibli]: riżorsi għall-ħolqien ta' materjali edukattivi, tat-televiżjoni, tal-internet u tal-multimedia aċċessibbli

– DIAGRAM Center [Iċ-Ċentru DIAGRAM]: il-ħolqien u l-użu ta' immaġni diġitali aċċessibbli

*Istruzzjonijiet professjonali*

– Il-ħolqien ta' struttura tat-test adattabbli: il-ħolqien ta' kontenut li jista' jiġi ppreżentat f'modi differenti mingħajr ma jitlef l-informazzjoni jew l-istruttura

– Is-separazzjoni tal-informazzjoni u tal-istruttura mill-preżentazzjoni biex ikunu permessi preżentazzjonijiet differenti

– L-allinjament tat-test fuq naħa waħda fuq il-paġni tal-internet

– Ippermetti n-navigazzjoni bix-shortcuts tat-tastiera biex tippermetti li l-kontenut jiġi operat permezz ta' tastiera jew ta' interfaċċa tat-tastiera

# Taqsima 2: L-għemil tal-immaġni tiegħek aċċessibbli

L-immaġni jistgħu jgħinu biex iwasslu messaġġ. Sabiex l-immaġni jkunu ta' użu għal kulħadd, l-input viżiv għandu jkun ippreżentat ukoll bl-użu ta' deskrizzjoni addizzjonali tal-informazzjoni. L-immaġnijiet jistgħu jkunu ritratti, tpinġijiet jew dijagrammi.

Il-kompitu prinċipali għall-għemil tal-immaġni aċċessibbli huwa li tagħtihom kliem alternattiv.

## *2.1 Kif tagħmel l-informazzjoni bbażata fuq l-immaġni tiegħek aċċessibbli*

– Evita li żżid immaġnijiet li ma jagħtu l-ebda informazzjoni addizzjonali, sinifikanti jew ta' valur.
– Evita li tuża immaġnijiet biex tirrappreżenta l-kliem.
– Agħti lill-immaġnijiet tiegħek kliem alternattiv – deskrizzjoni li tikkondividi l-istess messaġġ bħall-immaġni viżiva. Għid x'qed jintwera u evita deskrizzjonijiet bħal 'immaġni ta' fil-kliem alternattiv.
– Agħti kliem alternattiv għal kull element mhux bil-kliem.
– Evita l-użu tal-aħmar, aħdar u isfar u ta' sfumaturi iktar ċari ta' griż.
– Uża biżżejjed kuntrast ta' kuluri bejn it-test u l-isfond.
– Evita sfondi mhux meħtieġa b'wisq immaġni, figuri jew kuluri.
– Evita hyperlinks jew kliem moħbi wara oġġetti oħra bħal immaġni.
– Ippermetti li d-daqs tal-immaġni onlajn ikun skalabbli kif ikun meħtieġ.

## *2.2 Riżorsi li jgħinu biex tagħmel l-informazzjoni bbażata fuq l-immaġni tiegħek aċċessibbli*

*Istruzzjonijiet faċli*

– Immaġni aċċessibbli tal-WebAIM: prinċipji u tekniki tal-aċċessibbiltŭ għall-immaġni

*Istruzzjonijiet avvanzati*

– Kliem alternattiv tal-WebAIM għall-immaġni tal-internet
– L-għemil aċċessibbli ta' immaġni kumplessi jew dinamiċi li jirrappreżentaw il-proċessi

# Taqsima 3: L-għemil tal-awdjo tiegħek aċċessibbli

Verżjoni tal-awdjo tal-informazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju għal grupp ikbar ta' utenti, li ma jistgħux jaċċessaw informazzjoni li hija kondiviża biss permezz ta' stazzjonijiet viżivi. Sabiex l-awdjo jkun aċċessibbli għal kulħadd, għandu jiġi kondiviż f'kombinazzjoni ma' tip ta' informazzjoni oħra, bħal kliem jew sostitwit minn vidjow bil-lingwa tas-sinjali.

## *3.1 Kif tagħmel l-informazzjoni tal-awdjo tiegħek aċċessibbli*

- Agħti lill-awdjo tiegħek ekwivalent tal-kliem. Dan huwa kliem li jikkondividi l-istess informazzjoni bħall-vidjow, mingħajr ma jintilef kontenut importanti. It-traskrizzjonijiet u s-sottotitoli deskrittivi huma eżempji ta' ekwivalent tal-kliem.
- Jekk ikun possibbli, agħti l-għażla tal-enfażi tal-kliem fl-ekwivalent tal-kliem.
- Agħti l-kontrolli tal-volum.
- Agħti ekwivalenti viżivi għall-allerti tal-awdjo.
- Agħti alternattivi għall-mezz tal-awdjo.
- Evita l-bidu awtomatiku tal-awdjo jew il-vidjow.
- Agħti funzjonijiet aċċessibbli bit-tastiera ta' fast forward, rewind u pause.
- Agħti lill-utent il-possibbiltà li jdaħħal bookmarks.

## *3.2 Riżorsi li jgħinu biex tagħmel l-awdjo tiegħek aċċessibbli*

*Istruzzjonijiet avvanzati*

- IMS Global Learning Consortium [Konsorzju tal-IMS Global Learning]: Linji gwida għat-Twassil Aċċessibbli tal-Kliem, Awdjo, Immaġni u Multimedia għat-tagħlim
- Standard Internazzjonali – ISO/IEC 40500:2012 – Teknoloġija tal-Informatika – Linji Gwida għall-Aċċessibbiltà għall-Kontenut tal-Internet W3C (WCAG) 2.0 – Astratt: rakkomandazzjonijiet għall-għemil iktar aċċessibbli tal-kontenut
- Linji Gwida għall-Aċċessibbiltà għall-Kontenut tal-Internet (WCAG) 2.0 – W3C Rakkomandazzjoni tal-11 ta' Diċembru 2008: nipprovdu alternattivi għall-mezzi tal-awdjo
- Kif Tilħaq WCAG 2.0: referenzi ta' malajr għar-rekwiżiti u t-tekniki tal-WCAG 2.0
- Nifhmu l-WCAG 2.0: deskrizzjoni teknika dettaljata tal-linji gwida WCAG 2.0 u l-Kriterji ta' Suċċess tagħhom
- Il-Konsorzju DAISY: il-ħolqien ta' kotba awdjo navigabbli

*Istruzzjonijiet professjonali*

- W3C: Agħti alternattivi ekwivalenti għall-kontenut awditorju u viżiv
- W3C: Eżempji ta' ekwivalenti tal-kliem mogħtija għall-informazzjoni mhux bil-kliem
- W3C: Kriterji ta' Suċċess għall-Għoti ta' Alternattivi għall-Awdjo
- W3C: Agħti alternattivi għal mezzi bbażati fuq il-ħin

# Taqsima 4: L-għemil tal-vidjow tiegħek aċċessibbli

L-utenti li ma jistgħux jaċċessaw l-istazzjonijiet ta' mezzi viżivi jeħtieġu deskrizzjoni bl-awdjo għal dak li jista' jidher. L-utenti li ma jistgħux jaċċessaw l-istazzjonijiet tal-mezzi tal-awdjo jeħtieġu sottotitoli deskrittivi fuq għażla dwar id-djalogi u l-informazzjoni tal-awdjo importanti kollha. L-utenti li ma jifhmux il-lingwa li tkun qed tintuża fil-vidjow jeħtieġu sottotitoli tad-djalogu. L-iskripts dwar il-vidjo huma meħtieġa għall-utenti li ma jistgħux jaċċessaw stazzjonijiet tal-mezzi viżivi jew tal-awdjo.

### *4.1 Kif tagħmel il-mezzi tal-vidjow tiegħek aċċessibbli*

- Agħti ekwivalent tal-kliem jew sottotitoli deskrittivi lill-vidjow. Immira mhux biss li tagħti sottotitoli deskrittivi tal-kliem mitkellem, iżda wkoll deskrizzjoni fil-qosor ta' xi jkun qed jiġri.
- Kun żgur li l-ekwivalent tat-test/l-iskript jew is-sottotitoli deskrittivi jkunu sinkronizzati mal-vidjow. Is-sottotitoli deskrittivi huma mod alternattiv għall-wiri ta' x'jistgħu jisimgħu n-nies. L-iskripts ikun fihom l-informazzjoni kollha li jagħti l-vidjow.
- Kun żgur li l-utent ikun jista' jikkontrolla l-vidjow: jaġġusta l-volum, iwaqqaf il-vidjo. Agħti funzjonijiet ta' fast forward, rewind u pause.
- Kun żgur li l-vidjow ikun jista' jintwera f'media players differenti.
- Kun żgur li l-vidjow ikun jista' jitniżżel.
- Agħti alternattivi għall-vidjow.
- Evita l-bidu awtomatiku tal-vidjow.

### *4.2 Riżorsi biex jgħinu tagħmel il-mezzi tal-vidjow tiegħek aċċessibbli*

*Istruzzjonijiet faċli*

- Introduzzjoni għas-sottotitoli deskrittivi, traskrizzjonijiet u d-deskrizzjonijiet tal-awdjo

*Istruzzjonijiet avvanzati*

- Linji gwida dwar applikazzjonijiet tal-vidjow aċċessibbli
- Sottotitoli desrittivi tal-AccessGA: prinċipji, tekniki, riżorsi u rakkomandazzjonijiet
- W3C: L-għoti ta' sottotitoli deskrittivi fuq għażla

*Istruzzjonijiet professjonali*

- Gwida tal-OFCOM / ITC dwar l-Istandards għad-Deskrizzjoni tal-Awdjo
- Aċċessibbiltà tal-vidjo fuq YouTube: l-inkorporazzjoni ta' vidjow ta' YouTube aċċessibbli u ta' YouTube player fuq websajt

# PASS 2: L-GĦEMIL TAT-TWASSIL TAL-MIDJA AĊĊESSIBBLI

Dejjem iktar, l-informazzjoni li tiġi kondiviża jkun fiha t-tipi tal-informazzjoni kollha msemmija fil-pass 1: kliem, immaġni, awdjo u vidjow. L-informazzjoni titwassal bħala taħlita ta' tipi f'dokumenti elettroniċi, riżorsi bbażati onlajn jew materjal stampat.

Jekk it-tipi varji ta' informazzjoni jsiru aċċessibbli skont il-Linji gwida fil-Pass 1, ikun eħfef li toħloq mezzi – pereżempju, websajts – li huma aċċessibbli. Għalhekk, l-aċċessibbiltà tat-tipi ta' informazzjoni hija kkunsidrata prerekwiżit għat-twassil ta' informazzjoni aċċessibli u mhijiex irripetuta hawn taħt. Huwa preżunt li l-Pass 1 ġie indirizzat.

## Taqsima 1: L-għemil tad-dokumenti elettroniċi tiegħek aċċessibbli

Id-dokument elettroniku huwa wieħed mill-iktar taħlitiet komuni tat-tipi tal-informazzjoni. Id-dokumenti elettroniċi jippermettu lill-awturi jinkorporaw stampi, tabelli u vidjows, pereżempju.

L-informazzjoni fid-dokumenti elettroniċi tista' tiġi mwassla f'dokumenti tal-kliem – bħal Microsoft Word, Adobe PDF, preżentazzjonijiet jew slajdshows – jew fil-format tal-awdjo – bħal MP3 jew tejp analogu. Filwaqt li l-passi biex tinkiseb aċċessibbiltà sħiħa jistgħu jvarjaw skont l-approċċ użat, il-faċilità li biha dawn id-dokumenti elettroniċi jistgħu jsiru aċċessibbli tikber bl-inklużjoni ta' tipi aċċessibbli ta' informazzjoni.

Huwa importanti li tinnota li ħafna għodod tal-awtur issa joffru karatteristiċi ta' aċċessibbiltà u għodod ta' verifika biex jiżguraw li d-dokumenti jinħolqu f'format aċċessibbli.

PDF aċċessibbli, pereżempju, ta' spiss jibda ħajtu bħala dokument testwali aċċessibbli. Ħafna karatteristiċi tal-aċċessibiltà jiġu ttrasferiti f'formati differenti. Madankollu, skont il-verżjonijiet tas-softwer, xorta jkun possibbli li karatteristiċi tal-aċċessibbiltà individwali jaf ma jiġux trasferiti.

Fil-futur, e-books imtejba jtejbu l-aċċess għal kull tip ta' kontenut fi standards speċifiċi bħall-EPUB 3 u, b'mod iktar speċifiku, l-EDUPUB. L-e-books jippreżentaw sfidi ġodda fir-rigward tal-aċċessibbiltà peress li jistgħu jinkludu funzjonalitajiet interattivi, animazzjonijiet u karatteristiċi avvanzati oħra.

### *1.1 Kif tagħmel id-dokumenti elettroniċi tiegħek aċċessibbli*

- Speċifika l-lingwa tad-dokument tiegħek.
- Itteggja d-dokument tiegħek biex tagħtih struttura, billi tuża l-funzjoni fis-softwer li tkun qed tuża.
- Uża l-verifika tal-aċċessibbiltà offruta mis-softwer tiegħek bħala verifika sempliċi qabel tikkondividi d-dokument.

- Uża l-iktar verżjonijiet aġġornati tas-softwer biex toħloq PDF. Verżjonijiet tas-softwer iktar ġodda jinkludu karatteristiċi iktar aġġornati tal-aċċessibbiltà. Madankollu, kun żgur li d-dokument elettroniku tiegħek ikun jista' jintuża wkoll f'verżjonijiet iktar antiki.
- Imla l-informazzjoni tal-metadata biex tgħin lill-utenti jsibu l-informazzjoni permezz ta' tfittxijiet fuq l-internet. L-informazzjoni minima li għandha tiġi inkluża huma t-titolu tad-dokument u l-lingwa naturali prinċipali tad-dokument.
- Inkludi l-elementi rilevanti kollha fl-istruttura tad-dokument tiegħek.
- Evita li tiskrolja b'mod orizzontali (tiskrolja mix-xellug għal-lemin jew il-kuntrarju).
- Agħti deskrizzjonijiet għall-partijiet tal-formola.

### *1.2 Riżorsi biex jgħinuk tagħmel id-dokumenti elettroniċi tiegħek aċċessibbli*

*Istruzzjonijiet faċli*

- Introduzzjoni għall-Materjali Istruttivi Aċċessibbli għall-edukaturi, il-produtturi u l-utenti
- Books for All [Kotba għal Kulħadd] – Accessible Text: Guidelines for Good Practice [Test Aċċessibbli: Linji gwida għal Prattika Tajba]: gwida għall-għalliema għal ħolqien ta' materjali ta' tagħlim aċċessibbli
- Inclusive Learning Design Handbook [Manwal tat-Tfassil tat-Tagħlim Inkluživ]: riżorsi biex jassistu lill-għalliema, il-kreaturi tal-kontenut, l-iżviluppaturi tal-web u oħrajn fil-ħolqien ta' riżorsi edukattivi adattabbli u personalizzabbli
- Verifikatur tal-aċċessibbiltà PDF Tingtun: tella' jew agħti link għal PDF biex tivverifika l-aċċessibbiltà tiegħu
- Aċċessibbiltà tal-PDF WebAIM: introduzzjoni u istruzzjonijiet għal PDFs aċċessibbli
- CATEA linji gwida dwar dokumenti PDF aċċessibbli
- Vidjow tal-Load2Learn dwar kif toħloq PDFs aċċessibbli fuq Microsoft Word 2007 u 2010
- Sezzjonijiet tutorjali fuq vidjow tal-Load2Learn: dokumenti aċċessibbli, dokumenti strutturati, kotba tal-awdjo, mill-kliem għad-diskors, e-books, produttività u aċċessibbiltà
- Gwida dwar dokumenti aċċessibbli tal-microsoft word tal-WebAIM
- Linji gwida dwar dokumenti Word aċċessibbli tal-CATEA
- Linji gwida dwar dokumenti Excel aċċessibbli tal-CATEA
- Gwida tal-WebAIM dwar l-aċċessibbiltà tal-PowerPoint

- Linji gwidi dwar fajl tal-PowerPoint aċċessibbli tal-CATEA

*Istruzzjonijiet avvanzati*

- Aċċessibbiltà tal-Adobe Acrobat X sostenn għall-ħolqien ta' formoli tal-PDF aċċessibbli
- Verifikatur tal-Aċċessibbiltà tal-PDF (PAC2) ibbażat fuq il-Protokoll tal-Matterhorn
- Gwidi dwar il-ħolqien ta' formoli aċċessibbli tal-WebAIM
- Gwidi dwar il-ħolqien ta' tabelli aċċessibbli tal-WebAIM
- Vidjow tal-Load2Learn dwar il-ħolqien ta' ktieb DAISY mill-Word
- *Accessible EPUB 3* [EPUB3 aċċessibbli] minn Matt Garrish: e-book b'xejn minn O'Reilly
- DAISYpedia: riżorsa ta' informazzjoni biex tassisti u ssostni l-implimentazzjoni tal-istandards DAISY
- Il-verifikatur tal-kuntrast Contrast-A biex isib kombinazzjonijiet tal-kuluri aċċessibbli

*Istruzzjonijiet professjonali*

- Gwida dwar il-ħolqien ta' oqfsa aċċessibbli tal-WebAIM
- Forum tal-aċċessibbiltà tal-EPUB fuq idpf.org: organizzazzjoni tal-kummerċ globali u tal-istandards iddedikata għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-pubblikazzjoni elettronika u l-konsum tal-kontenut
- Ċentru DIAGRAM Għajnuniet mill-aqwa għall-Ħolqien ta' Fajls EPUB 3 Aċċessibbli

# Taqsima 2: L-għemil tar-riżorsi onlajn tiegħek aċċessibbli

Ir-riżorsi onaljn, bħall-websajts, databases u pjattaformi onlajn, probabbilment jinkludu wkoll it-tipi kollha ta' informazzjoni – kliem, immaġni, awdjo u vidjow. Hemm ħafna riżorsi biex jgħinu jagħmlu r-riżorsi onlajn aċċessibbli u hemm standards internazzjonali li huma rikonoxxuti u adottati b'mod komuni.

Fil-ħolqien tar-riżorsi onaljn, l-iktar pass importanti lejn l-aċċessibbiltà huwa li tilħaq il-Linji gwida tal-Aċċessibbiltà tal-Kontenut tal-Internet (WCAG 2.0). Dawn huma linji gwida għal utenti avvanzati.

Il-fornituri tal-informazzjoni x'aktarx jesternalizzaw l-iżvilupp tar-riżorsi onlajn. F'dan il-każ, il-punti ta' hawn taħt jistgħu jaġixxu bħala lista ta' kriterji għall-akkwist u l-għażla tal-kuntratturi.

## *2.1 Kif tagħmel ir-riżorsi onlajn tiegħek aċċessibbli*

- Agħti metadata. It-tikkettjar tar-riżorsi bil-vokabolarju rilevanti jew bil-karatteristiċi tal-aċċessibbiltà jagħmilha iktar faċli għall-utent biex isib informazzjoni aċċessibbli u rilevanti.
- Uża disinn tal-web responsiv, li jippermetti l-kontenut jadatta għat-tagħmir tal-ħruġ tal-utenti finali.
- Oħloq il-websajt tiegħek skont il-linji gwida tad-Disinn Iffukat fuq l-Utent (UCD).
- Ipprovdi mappa tas-sit. Agħti lill-utenti sens ta' fejn jinsabu meta jkunu fil-websajt tiegħek.
- Uża l-mekkaniżmi tan-navigazzjoni b'mod konsistenti.
- Ipprovdi biċċa informazzjoni biex tiddetermina fejn ikunu l-utenti (navigazzjoni).
- Ippermetti li l-links u l-intestaturi jkunu navigabbli bl-użu tat-Tab. Ipprovdi shortcuts tat-tastiera għal links importanti.
- Ipprovdi modi biex tgħin lill-utenti jsibu l-kontenut. Inkludi karatteristika ta' tfitxija fuq kull paġna.
- Offri ordni loġika tal-links u l-intestaturi għall-utenti biex jinnavigaw.
- Aqsam l-informazzjoni tiegħek fi blokok ġestibbli.
- Uża folji tal-istil biex tikkontrolla t-tqassim u l-preżentazzjoni. Organizza d-dokumenti tiegħek sabiex ikunu jistgħu jinqraw mingħajr il-folji tal-istil.
- Oħloq stil ta' preżentazzjoni li jkun konsistenti tul il-paġni. Agħti struttura lil kull paġna billi tuża intestaturi definiti minn qabel. L-intestaturi tiegħek għandhom isegwu ordni loġika.
- Inkludi deskrizzjonijiet ta' kliem alternattiv (kliem alt) għall-immaġni.
- Iċċekkja l-kuntrast tal-kuluri b'għodod b'xejn.

- Ippermetti l-funzjonalitajiet tal-paġna kollha biex ikunu indipendenti mit-tagħmir, jiġifieri jistgħu jintużaw permezz ta' tastiera jew bil-kontroll tal-vuċi pereżempju.
- Kun żgur li ċ-ċaqlieq, it-teptip, l-iskrolljar jew l-aġġornament awtomatiku tal-oġġetti jew tal-paġni jkun jista' jitwaqqaf jew jitwaqqaf fuq pawża.
- Kun żgur li l-fokus tat-tastiera ma jintilifx meta tirrifrexxja l-paġna.
- Inkludi karateristika biex Tinqabeż in-Navigazzjoni fuq kull paġna.
- Issepara l-informazzjoni u l-istruttura mill-preżentazzjoni biex ikunu permessi preżentazzjonijiet differenti.
- Uża struttura semantika għat-titolu, l-intestatura, il-kwotazzjonijiet, l-enfasi tal-blokka tal-kwotazzjonijiet, il-lista.
- Links relatati ma' grupp, identifika l-grupp (għall-aġenti utenti), u sakemm l-aġenti utenti jagħmlu dan, ipprovdi mod biex taqbeż il-grupp.
- Għat-tabelli tad-data li għandhom żewġ livelli loġiċi jew iktar ta' intestaturi tar-ringieli jew tal-kolonni, uża l-markatura biex tassoċċja ċ-ċelloli tad-data u ċ-ċelloli tal-intestatura.
- Kun żgur li l-ekwivalenti għall-kontenut dinamiku jiġu aġġornati meta l-kontenut dinamiku jinbidel.
- Iċċekkja l-paġni tal-internet tiegħek għal problemi tal-aċċessibbiltà bl-użu ta' proċess ta' tliet passi:
  - Verifika manwali.
  - Verifika awtomatika li tuża riżorsi b'xejn mogħtija hawn taħt.
  - Test minn utenti affidabbli teknoloġija assistiva, bħal qarrejja tal-iskrin, softwer li jkabbar l-iskrins u dettatura tad-dħul tal-vuċi.
- Ittestja l-paġni tiegħek fil-browser tad-diskors.
- Evita li tiskrolja b'mod orizzontali (tiskrolja mix-xellug għal-lemin jew il-kuntrarju).
- Agħti deskrizzjonijiet għall-partijiet tal-formola.

### *2.2 Riżorsi li jgħinuk tagħmel ir-riżorsi onlajn tiegħek aċċessibbli*

Il-lista li ġejja ta' riżorsi tinkludi għażla ta' għodod awtomatizzati li jistgħu jintużaw għall-verifiki tal-aċċessibbiltà. Dawn l-għodod huma estremament ta' valur u utli, iżda jistgħu jagħtu pożittivi u negattivi foloz għalhekk tiddependix fuqhom biss.

*Istruzzjonijiet faċli*

- W3C Web Accessibility Initiative [Inizjattiva tal-Aċċessibbiltà tal-Internet]: strateġiji, linji gwida u riżorsi għall-aċċessibbiltà tal-internet

*Istruzzjonijiet avvanzati*

- Lista ta' verifika tal-WebAIM WCAG 2.0: lista ta' verifika li tippreżenta rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' prinċipji li għandhom x'jaqsmu mal-HTML u tekniki għal dawk li jfittxu konformità tal-WCAG 2.0
- Servizz tal-validazzjoni tal-markatura tal-W3C: jiċċekkja l-validità tal-markatura tad-dokumenti tal-internet fl-HTML, XHTML, SMIL, MathML, eċċ.
- WAVE: għodda tal-evalwazzjoni tal-aċċessibbiltà tal-internet
- Functional Accessibility Evaluator (FAE) [Evalwatur tal-Aċċessibbiltà Funzjonali]: għodda tal-evalwazzjoni tal-aċċessibbiltà tal-websajts
- Il-Grupp Paciello Analizzatur tal-Kuntrast tal-Kuluri: jipprovdi valutazzjoni għaddejt/m'għaddejtx għall-kriterji ta' suċċess tal-kuntrast tal-kuluri tal-WCAG 2.0 u jistimula ċerti kundizzjonijiet viżivi biex juri kif il-kontenut tal-internet jidher għan-nies li għandhom inqas minn 20/20 viżjoni.
- TAW: WCAG 1.0 u 2.0 u l-verifikatur tal-internet mobileOK (bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bil-Katalan u bil-Galizjan)
- ACHECKER: verifikatur tal-aċċessibbiltà tal-internet
- Total Validator [Validatur Totali]: validatur kollox f'wieħed tal-(X)HTML, validatur tal-aċċessibbiltà, verifikatur tal-kitba u verifikatur tal-links maqsuma
- AccessMonitor: verifikatur tal-aċċessibbiltà tal-internet (bil-Portugiż)
- Examinator [Eżaminatur]: verifikatur tal-aċċessibbiltà tal-internet (bl-Ispanjol)
- MSF&W kalkolatur tal-proporzjon tal-kuntrast tal-kuluri: biex jiċċekkja l-kuntrast tal-kuluri fuq il-websajts
- Waqqaf għal pawża, Waqqaf, Aħbi: gwida dwar mekkaniżmu għall-utenti biex iwaqqfu għal pawża, iwaqqfu jew jaħbu l-kontenut animat
- TRACE Photosensitive Epilepsy Analysis Tool (PEAT) [Għodda għall-Analiżi tal-Epilessija tal-Fotosensittività TRACE]: riżorsa li tista' titniżżel b'xejn biex tidentifika riskji ta' waqfien fil-kontenut tal-internet u s-softwer

## Taqsima 3: L-għemil tal-materjal stampat tiegħek aċċessibbli

Għalkemm id-dokumenti stampati huma diffiċli biex jiġu aċċessati minn ħafna uteni b'diżabbiltà tal-istampa, l-użu kontinwu tad-dokumenti stampati inġenerali – u speċjalment fl-ambjenti ta' tagħlim – se jkompli fil-futur previst.

L-istampa ma tistax issir aċċessibbli bħall-informazzjoni elettronika. L-informazzjoni elettronika għandha l-potenzjal li tintegra l-multimedia; għalhekk il-kontenut ikun jista' jiġi kondiviż permezz ta' midja differenti. Pereżempju, il-kliem jista' jiġi sostitwit mill-awdjo jew minn vidjow tal-lingwa tas-sinjali. Skont id-diżabbiltà tal-utent jew tal-istudent u/jew il-bżonn speċjali, jista' jkollhom bżonn stazzjon ta' perċezzjoni differenti jew taħlita ta' stazzjonijiet li l-materjal stampat ma jistax joffri.

Madankollu, hemm ukoll utenti/studenti li jsibu l-materjal stampat iktar aċċessibbli minn dak elettroniku. Għalhekk l-istampar jibqa' importanti iżda ma jistax isir aċċessibbli b'mod universali.

Alternattiva waħda għall-materjal stampat – bl-istess restrizzjonijiet – hija l-Braille.

### *3.1 Kif tagħmel il-materjal stampat tiegħek aċċessibbli*

- Uża tipa 12 jew 14 jew ikbar.
- Uża tipi sans-serif.
- Ipprovdi kopja elettronika tal-fajl tiegħek bħala alternattiva.
- Uża kulur tat-tipa u l-karta skont il-preferenzi tal-utent.
- Ipprovdi modalitajiet alternattivi tad-dokument tiegħek, bħall-Braille (fuq talba) jew verżjonijiet stampati kbar. Biex toħloq dokumenti stampati kbar minn fajl elettroniku: l-ewwel, uża x-shortcut tal-keyboard 'ctrl shift A' biex tagħżel il-kliem kollu u mbagħad uża x-shortcut tat-tastiera 'ctrl shift >' biex iżżid id-daqs tat-tipa b'mod proporzjonali.
- Oħloq u daħħal id-deskrizzjonijiet jew il-kliem alternattiv għall-hyperlinks, l-immaġnijiet, it-tabelli u t-tipi kollha l-oħrajn ta' kontenut li ma jistgħux jarawh in-nies b'diżabbiltà viżiva għall-istampaturi tal-Braille.

### *3.2 Riżorsi biex jgħinuk tagħmel il-materjal stampat tiegħek aċċessibbli*

- Vidjow tal-Load2Learn dwar il-produzzjoni ta' fajls aċċessibbli
- Vidjow tal-Load2Learn dwar il-produzzjoni ta' stampar kbir

# L-APPLIKAZZJONI TAL-LINJI GWIDA GĦAL MIDJA DIFFERENTI U FORMATI SPEĊIFIĊI

Il-listi ta' kontroll ta' hawn taħt huma ddisinjati għall-prattikanti u huma eżempji ta' kif il-Linji gwida jistgħu jiġu applikati għal midja u formati speċifiċi.

Għal kull format speċifiku, issir kombinazzjoni ta' azzjonijiet mill-Pass 1 u Pass 2 biex jintwera kif jiġu applikati r-rakkomandazzjonijiet. Dawn il-listi ta' kontroll jistgħu jintużaw biex jikkontrollaw jew jivverifikaw il-materjali maħluqa.

## Slajdshows u preżentazzjonijiet

***Pass 1:***

- Test:
  - ☐ Uża l-eħfef lingwaġġ li huwa adegwat għad-dokument tiegħek.
  - ☐ Uża tipi kbar.
  - ☐ Uża tipa sans-serif bħal Arial, Helvetica jew Verdana.
  - ☐ Uża l-funzjonijiet 'Elenki u Numerazzjonijiet' għal-listi.
  - ☐ Evita ammont eċċessiv ta' informazzjoni fuq slajd waħda.
  - ☐ Uża kombinazzjnijiet tal-kuluri tat-test u l-isfond li joffru kuntrast tajjeb ħafna.
  - ☐ Kun żgur li l-kliem u l-grafiċi jkunu jinftehmu b'mod faċli meta jintwerew mingħajr kulur.
- Immaġni:
  - ☐ Agħti lill-immaġni tiegħek kliem alternattiv biex jiddeskrivi l-immaġni.
  - ☐ Uża biżżejjed kuntrast ta' kuluri bejn l-immaġni u l-isfond.
  - ☐ Evita sfondi b'wisq immaġni, figuri jew kuluri.
  - ☐ Evita links jew kliem moħbi wara oġġetti oħra bħal immaġni.
- Awdjo:
  - ☐ Agħti lill-awdjo tiegħek ekwivalent tal-kliem.
  - ☐ Ippermetti funzjonijiet ta' kontroll tal-volum, fast forward, rewind u pause.
  - ☐ Kun żgur li s-sottotitoli deskrittivi jkunu sinkronizzati mal-vidjow tiegħek.
- Vidjow:
  - ☐ Kun żgur li s-sottotitoli deskrittivi jkunu sinkronizzati mal-vidjow

tiegħek.

***Pass 2:***

- ☐ Uża t-tqassim tal-islajds offrut mis-softwer tiegħek.
- ☐ Ikkopja l-kliem mis-slajd fil-parti tan-noti
- ☐ Imla l-informazzjoni tal-metadata biex tgħin lill-utenti jsibu l-informazzjoni permezz ta' tfittxijiet fuq l-internet.

## Għodod onlajn jew tat-tagħlim elettroniku

***Pass 1:***

- Test:
  - ☐ Uża l-eħfef lingwaġġ li huwa adegwat għad-dokument tiegħek.
  - ☐ Aqsam l-informazzjoni tiegħek fi blokok ġestibbli u ugwali.
  - ☐ Uża l-funzjonijiet 'Elenki u Numerazzjonijiet' għal-listi.
  - ☐ Adotta mudelli aċċessibli għall-konsistenza.
  - ☐ Kun żgur li l-materjali tat-taħriġ onlajn tiegħek ikunu disponibbli wkoll stampati.
  - ☐ Kun żgur li t-taħriġ onlajn ikun jista' jitwaqqaf għal ftit ħin (pawża), jitwaqqaf jew jitkompla.
- Immaġni:
  - ☐ Agħti lill-immaġni tiegħek kliem alternattiv biex tiddeskrivihom.
  - ☐ Evita l-użu tal-aħmar, l-aħdar u l-isfar u ta' sfumaturi iktar ċari ta' griż.
  - ☐ Uża kuntrast għoli ta' kuluri bejn l-immaġni u l-isfond.
  - ☐ Evita sfondi b'wisq immaġni, figuri jew kuluri.
- Awdjo:
  - ☐ Agħti lill-awdjo tiegħek ekwivalenti tal-kliem.
- Vidjow:
  - ☐ Kun żgur li s-sottotitoli deskrittivi jkunu sinkronizzati mal-vidjow tiegħek.

***Pass 2:***

- ☐ Agħti struttura lil kull paġna billi tuża intestaturi definiti minn qabel. L-intestaturi tiegħek għandhom isegwu ordni loġika.
- ☐ Offri ordi loġika tal-links, l-intestaturi u l-funzjonijiet tal-paġni kollha għall-utenti biex jinnavigaw.
- ☐ Ipprovdi metadata meta toffri firxa ta' riżorsi. It-tikkettjar tar-riżorsi bil-vokabolarju rilevanti jew bil-karatteristiċi tal-aċċessibbiltŭ jagħmilha iktar faċli għall-utent biex isib informazzjoni aċċessibbli u rilevanti.
- ☐ Agħti lill-utenti sens ta' fejn jinsabu fil-websajt tiegħek billi tiżgura li jkun hemm sinjal viżibbli jew li jinstema' biex jurihom fejn jinsabu fin-navigazzjoni.
- ☐ Agħti ekwivalent tal-kliem jew sottotitoli deskrittivi lill-vidjow.

Għall-vidjow, tagħtix biss sottotitoli deskrittivi tal-kliem mitkellem, iżda pprovdi wkoll deskrizzjoni fil-qosor ta' xi jkun qed jiġri.

- ☐ Agħti deskrizzjonijiet għall-partijiet tal-formola.
- ☐ Inkludi karatteristika ta' tfittxija fuq kull paġna.
- ☐ Meta tuża xenarji jew każijiet interattivi, kun żgur li jkun disponibbli wkoll l-ekwivalent tal-kliem u li jista' jiġi aċċessat bl-użu ta' tastiera biss.
- ☐ Uża disinn tal-web responsiv, li jippermetti lill-kontenut jadatta għat-tagħmir tal-ħruġ tal-utenti finali.
- ☐ Ippermetti li l-funzjonalitajiet tal-paġna kollha jintużaw permezz ta' tastiera biss, inkluż il-login, il-launch u l-funzjonijiet tal-istampar.

# Dokumenti PDF

***Pass 1:***

- Test:
  - ☐ Uża l-eħfef lingwaġġ li huwa adegwat għad-dokument tiegħek.
  - ☐ Uża tipi kbar.
  - ☐ Uża tipa sans-serif bħal Arial, Helvetica jew Verdana.
  - ☐ Uża l-funzjonijiet 'Elenki u Numerazzjonijiet' għal-listi.
- Immaġni:
  - ☐ Agħti lill-immaġnijiet tiegħek kliem alternattiv biex tiddeskrivihom.
  - ☐ Uża kuntrast għoli ta' kuluri bejn il-kliem u l-isfond.
  - ☐ Evita sfondi b'wisq immaġnijiet, figuri jew kuluri.
  - ☐ Evita links moħbija wara oġġetti oħra bħal immaġnijiet.

***Pass 2:***

- ☐ Speċifika l-lingwa tad-dokument tiegħek taħt 'karatteristiċi'.
- ☐ Evita li tissejvja d-dokument PDF tiegħek bħala immaġni.
- ☐ Itteggja d-dokument tiegħek.
- ☐ Uża l-verifika tal-aċċessibbiltŭ offruta mis-softwer tiegħek bħala verifika sempliċi qabel tikkondividi d-dokument.
- ☐ Uża l-iktar verżjonijiet aġġornati tas-softwer biex toħloq PDF. Verżjonijiet tas-softwer iktar ġodda jinkludu karatteristiċi iktar aġġornati tal-aċċessibbiltŭ.
- ☐ Imla l-informazzjoni tal-metadata biex tgħin lill-utenti jsibu l-informazzjoni permezz ta' tfittxijiet fuq l-internet.
- ☐ Inkludi l-elementi eilevanti kollha fl-istruttura tad-dokument tiegħek.
- ☐ Agħti deskrizzjonijiet għall-partijiet tal-formola.
- ☐ Kun żgur li l-aċċessibbiltŭ ma tiġix kompromessa meta tipproteġi d-dokumenti PDF.

# GLOSSARJU

Dan il-glossarju tat-termini ewlenin jimmira li jappoġġja lingwa diviża għall-utenti kollha tal-Linji gwida. Intużaw sorsi differenti għad-definizzjonijiet għal dan il-glossarju:

- Definizzjonijiet eżistenti li huma diġà użati fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari termini ewlenin definiti:

(1) Fl-Organizzjazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNESCO) / Microsoft *ICT Competency Framework for Teachers* [Qafas tal-Kompetenza tal-ICT għall-Għalliema] (2011)

(2) Istitut tal-UNESCO għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni fl-Edukazzjoni / Aġenzija Ewropea *ICTs in Education for People with Disabilities: Review of innovative practice* [ICTs fl-Edukazzjoni għal Persuni b'Diżabilitajiet: Reviżjoni ta' prattika innovattiva] (2011)

- Kwotazzjonijiet u ċitazzjonijiet ewlenin tal-letteratura
- Definizzjonijiet operattivi żviluppati fil-proġetti i-access u ICT4IAL.

## Termini ewlenin

**Aċċessibbiltà –** L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà jiddefinixxi aċċessibbiltà bħala: 'miżuri adegwati biex jiġi żgurat aċċess għall-persuni b'diżabbiltà, fuq bażi ugwali ma' oħrajn, għat-trasport, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluż teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u sistemi u għal faċilitajiet u servizzi oħrajn miftuħin jew mogħtija lill-pubbliku kemm f'żoni urbani u rurali' (Nazzjonijiet Uniti, 2006, p. 8) (2).

**Aċċessibbiltà elettronika –** 'jingħelbu l-ostakoli u d-diffikultajiet li jesperjenzaw in-nies meta jippruvaw jaċċessaw oġġetti u servizzi bbażati fuq l-ICTs' (Kummissjoni Ewropea, 2005) (2).

**Diġitali –** (bħal f'kontenut diġitali, tagħmir diġitali, riżorsi diġitali, teknoloġija diġitali) – essenzjalment, kelma oħra għall-kompjuters u t-teknoloġija tal-kompjuters. (Il-kompjuters jaħżnu u jipproċessaw l-informazzjoni billi jikkonvertuha f'numri b'figura waħda – ċifri.) (1).

Il-ħiliet meħtieġa biex tinkiseb kompetenza diġitali. Hija bbażata fuq il-ħiliet bażiċi fl-ICT u l-użu tal-kompjuters biex tiġi rkuprata, ivvalutata, maħżuna, prodotta, ippreżentata u skambjata l-informazzjoni u biex tikkomunika u tipparteċipa f'netwerks kollaborattivi permezz tal-Internet' (Kummissjoni Ewropea, 2008, p. 4) (2).

**Disinn iffokalizzat fuq l-utent –** approċċ ta' disinn li jiffoka fuq li jagħmel sistemi u għodod użabbli. Il-mira hija grad għoli ta' użabbiltà.

**Diżabbiltà/indeboliment għall-istampar –** persuni 'li ma jistgħux jużaw kotba, gazzetti u rivisti stampati - inkluż dawk bid-disleksja, diżabbiltà motorja jew diġenerazzjoni makulari li għandha x'taqsam mal-età' (DAISY, 2015).

**EDUPUB –** tadatta 'il-funzjonalità tal-format EPUB 3 għar-rekwiżiti strutturali, semantiċi u ta' imġiba uniċi tal-pubblikazzjoni edukattiva' (International Digital Publishing Forum [Forum Internazzjonali tal-Pubblikazzjoni Diġitali], 2015)

**Elettronika –** użata biex tirreferi għal materjali li huma aċċessibbli minn kompjuter jew tagħmir diġitali ieħor. Tista' tinkludi kliem, immaġni, awdjo, vidjow jew kombinazzjoni ta' dawn.

**EPUB –** format ta' elettronika jew kotba elettroniċi. B'mod iktar speċifiku, '.epub hija l-estensjoni tal-fajl ta' format XML għal kotba u pubblikazzjonijiet diġitali riflussibbli'. L-EPUB hija magħmula minn tliet standards miftuħa prodotti mill-IDPF (International Digital Publishing Forum [Forum Internazzjonali tal-Pubblikazzjoni Diġitali]) (DAISY, 2015).

**Format –** kif l-informazzjoni tiġi kkonvertita jew ippakkjata – bħal programmi li jeditjaw il-kliem jew il-preżentazzjonijiet – u mwassla jew ippreżentati lill-utent. It-tmiem fl-ismijiet tal-fajls normalment juri l-format li fih huwa ssevjat, bħal .doc, .docx, .rtf, .xls, .csv, .jpg, .pdf, eċċ.

**Fornituri tal-informazzjoni –** kwalunkwe individwu jew organizzazzjoni li toħloq u tiddistribwixxi l-informazzjoni.

**Informazzjoni –** ġeneralment mifhuma li tirreferi għal messaġġ jew data li tiġi kkomunikata li tikkonċerna kwistjoni speċifika. B'mod speċifiku, dawn il-Linji gwida jiffukaw fuq l-għan li jikkondividu messaġġi biex jinfurmaw u jibnu għarfien f'ambjent ta' tagħlim.

Fil-Linji gwida, it-tipi differenti ta' informazzjoni kkunsidrati huma l-kliem, l-immaġni, l-awdjo u l-vidjo.

**Informazzjoni aċċessibbli –** informazzjoni mogħtija f'formati li jippermettu lil kull student jaċċessa kontenut 'fuq bażi ugwali ma' oħrajn' (Nazzjonijiet Uniti, 2006, p. 8).

**Inklużjoni elettronika –** 'kemm l-ICT inklussiv kif ukoll l-użu tal-ICT biex jintlaħqu objettivi ta' inklużjoni usa'. Tiffoka fuq il-parteċipazzjoni tal-individwi u l-komunitajiet kollha fl-aspetti kollha tas-soċjetà tal-informazzjoni'. Il-politika tal-inklużjoni elettronika 'timmira li tnaqqas il-lakuni fl-użu tal-ICT u tegħleb l-esklużjoni u ttejjeb il-prestazzjoni ekonomika, l-opportunitajiet tax-xogħol, il-kwalità tal-ħajja, il-parteċipazzjoni soċjali u l-koeżjoni' (Kummissjoni Ewropea, 2006a, p. 1) (2).

**Itteggjar –** proċess li jdaħħal informazzjoni dwar l-ordni tal-qari, il-fluss u l-istruttura organizzattiva f'dokument elettroniku.

**Konsorzju World Wide Web (W3C) –** 'komunità internazzjonali fejn l-organizzazzjonijiet tal-Membri, persunal fulltime u l-pubbliku jaħdem flimkien biex jiżviluppa standards tal-internet. […] Il-missjoni tal-W3C hija li twassal l-

internet lejn il-potenzjal sħiħ tiegħul' (Konsorzju World Wide Web – W3C, 2015) (2).

**Metadata –** tikketta diġitali mogħtija lill-informazzjoni. Tinqara b'magna u tgħin fit-tiftix u l-kategorizzazzjoni tal-informazzjoni, b'hekk ittejjeb it-tiftix.

**Midja –** stazzjon li permezz tiegħu tista' tiġi kondiviża l-informazzjoni. Il-midja normalment ikun fiha tipi differenti ta' informazzjoni b'mod simultanju. Eżempji jinkludu dokumenti elettroniċi, riżorsi onlajn u għodod tat-tagħlim onlajn.

**Qarrej tal-iskrin –** programm ta' softwer imfassal biex jagħti aċċess minn kompjuter, tablet, mowbajl jew tagħmir diġitali ieħor, billi jaqra l-informazzjoni ppreżentata bl-użu ta' vuċi sintetika. Barra mill-qari tal-kliem, qarrej tal-iskrin jippermetti wkoll lill-utent/student jinnaviga u jinteraġġixxi mal-kontenut billi jużaw il-vuċi tagħhom. Għall-utenti tal-Braille, il-qarrej tal-iskrin jista' jagħti wkoll l-informazzjoni bil-Braille.

**Riżorsi Edukattivi Miftuħa (OER) –** definiti mill-Kummissjoni Ewropea bħala 'riżorsi ta' tagħlim li huma użabbli, adattabbli għal ħtiġijiet speċifiċi ta' tagħlim u kondiviżibbli b'mod liberu'. Definizzjoni oħra użata b'mod wiesgħa, promossa mill-Fondazzjoni William u Flora Hewlett, tiddefinixxi l-OER bħala 'it-tagħlim, l-istudju u r-riżorsi ta' riċerka li jirrisjedu fil-qasam pubbliku jew li ġew rilaxxati taħt liċenzja ta' proprjetà intellettwali li tippermetti l-użu liberu tagħhom u l-adattament mill-ġdid minn oħrajn'.

**Semantika –** litteralment 'tifsira'. Meta użata f'konnessjoni mal-għoti tal-istruttura tal-informazzjoni, tenfasizza l-ħtieġa biex tagħti struttura sinifikanti.

**Skalabbli –** l-abbiltà li tbiddel id-daqs u l-fokus tal-informazzjoni skont il-ħtiġijiet tal-utent/l-istudent jew it-tagħmir użat.

**Soċjetà tal-informazzjoni –** 'soċjetà li fiha il-ħolqien, id-distribuzzjoni u t-trattament tal-informazzjoni saru l-iktar attivitajiet ekonomiċi u kulturali sinifikanti' … Is-soċjetà tal-informazzjoni hija 'kkunsidrata bħala pass minn qabel meħtieġ għall-bini ta' Soċjetajiet ta' Għarfien' (UNESCO/IFAP, 2009, pp. 20–22) (2).

**Sottotitoli –** huma maħsuba għal udjenzi li ma jifhmux il-lingwa użata fi djalogu.

**Sottotitoli deskrittivi –** huma maħsubin għal udjenzi li ma jistgħux jisimgħu d-djalogu. B'kuntrast għas-sottotitoli, is-sottotitoli deskrittivi jinkludu wkoll deskrizzjoni ta' min qed jitkellem, kif ukoll ħsejjes.

**Sottotitoli deskrittivi fuq għażla –** sottotitoli deskrittivi li jistgħu jintgħażlu li jkunu viżibbli jew inkella le kontra sottotitoli li huma viżibbli awtomatikament.

**Studenti b'diżabbiltà u/jew bi bżonnijiet speċjali –** il-grupp fil-mira potenzjali ta' nies li jistgħu jibbenefikaw minn dispożizzjoni iktar aċċessibbli ta' informazzjoni. Din il-frażoloġija tirrispetta t-terminoloġija kemm tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà – UNCRPD (2006) u l-ftehimiet milħuqa mill-imsieħba tal-proġett ICT4IAL.

**Tagħlim elettroniku –** kwalunkwe forma ta' studju u tagħlim sostnuta b'mod elettroniku. (2)

**Tagħlim elettroniku/għodda onlajn –** għodda jew sistema li ssostni t-tagħlim onlajn.

**Teknoloġija –** ta' spiss użata bħala kelma oħra minflok ICT, għalkemm fil-verità ‘teknoloġija’ tista' tfisser kważi kull tip ta' għodda jew għarfien applikat. Pereżempju, lapes u karta, lavanji, blackboards u whiteboards huma kollha tipi ta' teknloġija tal-kitba (1).

**Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) –** ‘tikkonsisti mill-modi tekniċi kollha użati biex tiġi ġestita l-informazzjoni u tgħin fil-komunikazzjoni, inkluż ħardwer kemm tal-kompjuter u tan-netwerk, kif ukoll is-softwer meħtieġ. Fi kliem ieħor, l-ICT tikkonsisti f'IT, kif ukoll fit-telefonija, il-mezzi tax-xandir, u t-tipi kollha tal-ipproċessar u t-trażmissjoni tal-awdjo u l-vidjow’ (FOLDOC, iċċitata mill-Aġenzija Ewropea) (2).

**Teknoloġiji assistivi (ATs) –** ‘tagħmir adattiv li jippermetti lill-persuni bi bżonnijiet speċjali jaċċessaw kull mezz ta' prodotti u servizzi tekniċi. L-ATs ikopru medda sħiħa ta' ICTs, minn tastieri personalizzati u softwer li jagħraf id-diskors għal displejs tal-kompjuter tal-Braille u sistemi ta' sottotitoli deskrittivi fuq għażla għat-televiżjoni’ (Kummissjoni Ewropea, 2011, *Inklużjoni diġitali)* (2).

**Test strutturat –** informazzjoni tal-kliem li ġiet organizzata b'ordni tal-qari stabbilit u intestaturi li jużaw funzjonijiet ta' softwer bħall-applikazzjoni tal-istili u l-itteggjar.

**Tipa –** tipografija użata fis-softwer li jeditja l-kliem. Tipa san serif hija tipa mingħajr nokkli jew daqqiet fl-aħħar ta' kull ittra. Times New Roman hija eċċezzjoni ta' tipa sans serif.

**Użabbiltà –** ‘il-punt sa fejn prodott ikun jista' jintuża minn utenti speċifikat biex jintlaħqu l-miri speċifikati b'effikaċja, effiċjenza u sodisfazzjon f'kuntest speċifikat tal-użu’ (Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, ISO 9241-11:1998(en)).

**WCAG –** ‘Linji gwida għall-Aċċessibbiltà tal-Kontenut tal-Internet (WCAG - Web Content Accessibility Guidelines) hija żviluppata permezz tal-proċess W3C b'kooperazzjoni ma' individwi u organizzazzjonijiet madwar id-dinja, b'mira li jipprovdu standard kondiviż wieħed għall-aċċessibbiltà tal-kontenut tal-internet’ (Konsorzju World Wide Web – W3C, 2012).

**Web 2.0 –** applikazzjonijiet tal-internet li jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni interattiva, l-interoperabbiltà, id-disinn iffukat fuq l-utent u kollaborazzjoni fuq il-World Wide Web. Websajt Web 2.0 tagħti lill-utenti tagħha l-għażla libera li jinteraġġixxu jew jikkollaboraw flimkien fi djalogu tal-midja soċjali bħala kreaturi ta' kontenut iġġenerat mill-utenti f'komunità virtwali, b'kuntrast għal websajts fejn l-utenti (konsumaturi) huma limitati għall-wiri passiv tal-kontenut li nħoloq għalihom. Eżempji ta' Web 2.0 jinkludu

websajts ta' netwerking soċjali, blogs, wikis, websajts ta' kondiviżjoni tal-vidjows, servizzi ospitati, applikazzjonijiet tal-internet'. It-terminu 'Web 2.0' jista' jiġi traċċat għal Tom O'Reilly u għall-Konferenza tal-Midja O'Reilly fl-2004 (2).